

RAPPORT TA' SINTEŻI DWAR IL-KSUR TAD-DPI 2018

Sommarju Eżekuttiv



Ġunju 2018

SOMMARJU EŻEKUTTIV

RAPPORT TA' SINTEŻI DWAR IL-KSUR TAD-DPI 2018

Ġunju 2018



Sommarju Eżekuttiv

Rapport ta' Sinteżi dwar il-ksur tad-DPI

Dan ir-rapport jiġbor flimkien is-sejbiet tar-riċerka li l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) ilu jwettaq mill-2013, permezz tal-Osservatorju Ewropew tal-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettwali (Osservatorju), dwar l-estent, il-kamp ta' applikazzjoni u l-konsegwenzi ekonomiċi tal-ksur tad-Dritt ta' Proprietà Intellettwali (DPI) fl-UE.

Ir-rapport huwa maħsub sabiex jorbot flimkien id-diversi studji dwar il-valur tal-Proprietà Individwali (IP), dwar il-perċezzjoni pubblika tagħha, dwar il-mekkaniżmi użati għall-ksur tad-drittijiet tal-IP u l-konsegwenzi ekonomiċi tal-ksur sabiex tingħata stampa koerenti tal-istat tad-DPI u l-ksur tad-DPI fl-UE. Dan jinkludi wkoll taqsima dwar l-azzjonijiet li qegħdin jittieħdu fil-ġlieda kontra l-ksur. Il-pjan huwa li tali rapport jiġi ppubblikat fuq bażi annwali.

Fi studju li twettaq bi sħubija mal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi (UEP), l-EUIPO sab li l-kontribuzzjoni totali tal-industriji li jagħmlu użu intensiv mid-DPI għall-ekonomija tal-UE tammonta għal madwar 42 % tal-PDG (EUR 5.7 triljun) u 28 % tal-impjeggi (flimkien ma' 10 % oħra f'effetti indiretti fuq l-impjeggi f'setturi li ma jagħmlux użu intensiv mid-DPI). In is-setturi jiġġeneraw ukoll bilanċ kummerċjali pożittiv ta' madwar EUR 96 biljun mal-bqija tad-dinja u jħallsu lill-ħaddiema tagħhom salarji li huma 46 % oġġla mis-setturi l-oħrajn.

Minħabba l-valur għoli assoċjat mad-DPI, il-ksur ta' dawk id-drittijiet huwa attività kriminali li tħalli ħafna qligħ, li tiġġenera spejjeż sinifikanti għas-sidien tad-drittijiet u għall-ekonomija inġenerali.

Skont studju li twettaq mill-EUIPO u l-OECD fl-2016, l-istimi tal-ksur tad-DPI fil-kummerċ internazzjonali fl-2013, jistgħu jilħqu madwar 5 % tal-importazzjonijiet tal-UE, jew EUR 85 biljun kull sena.

F'sensiela ta' studji settorjali, l-EUIPO kkalkula bejgħ mitluf fi 13-il settur (direttament fl-industriji li qegħdin jiġu analizzati u tul il-katina tal-provvista assoċjata tagħhom), bħala riżultat ta' falsifikazzjoni. Dan it-telf jammonta għal aktar minn EUR 100 biljun kull sena.

Valur abbondanti, pieni klementi u redditu għoli fuq l-investment, jiddefinixxu l-inċentivi għall-gruppi kriminali biex jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' falsifikazzjoni. Il-modus operandi ta' tali gruppi qed isir

dejjem aktar kumpless hekk kif il-mezzi tat-teknoloġija u d-distribuzzjoni qed jevolvu id f'id mal-firxa ta' prodotti li jiġu ffalsifikati.

Il-mudelli kummerċjali adottati minn dawk li jiffalsifikaw jagħmlu użu sinifikanti mill-internet biex iqassmu l-prodotti tagħhom u jipromwovu d-distribuzzjoni u l-konsum ta' kontenut diġitali illegali. Is-siti tal-internet li jbigħu oġġetti ffalsifikati jibbenefikaw minn dħul mir-reklamar addizzjonali kemm minn reklami b'“riskju għoli” (tal-adulti, tal-logħob (gaming) u malwer) kif ukoll, paradossalment, minn ditti leġittimi, li b'riżultat ta' dan isofru b'żewġ modi mir-reklamar fuq tali siti (ħsara lid-ditta tagħhom stess u l-għoti ta' kredibbiltà lis-sit web ospitanti).

Flimkien mal-analiżi tal-provvista ta' oġġetti ffalsifikati u kontenut ikkupjat, l-EUIPO studja wkoll in-naħa tad-domanda, jiġifieri, l-attitudnijiet taċ-ċittadini tal-UE fir-rigward tad-DPI u r-rieda tagħhom li jinvolvu ruħhom f'konsum illeċitu. L-inċentivi għall-konsumaturi biex jixtru oġġetti ffalsifikati jinkludu prezzijiet aktar baxxi, aċċessibbiltà faċli u livell baxx ta' stigma soċjali assoċjata ma' tali xirjiet.

B'rispons għal dawn l-iżviluppi, l-EUIPO, flimkien mas-sħab pubbliċi u privati, qiegħed iwettaq u jappoġġja għadd ta' azzjonijiet biex jiffaċċja dawn l-isfidi. Dawn l-azzjonijiet ivarjaw mill-għoti ta' informazzjoni lis-sidien tad-drittijiet dwar ix-xenarju ta' ksur li qiegħed jinbidel, fi d-ma mal-Europol dwar reazzjonijiet usa' għall-kriminalità tal-IP, mhux l-inqas bil-finanzjament ta' unità speċjalizzata kontra l-kriminalità tal-IP fi d-ma l-Europol, l-għoti ta' appoġġ lill-isforzi tal-Kummissjoni Ewropea (DG Kummerċ) biex tindirizza l-provvista ta' oġġetti ffalsifikati f'pajjiżi terzi, u l-għoti ta' informazzjoni liċ-ċittadini dwar id-disponibbiltà ta' offerti ta' kontenut diġitali legali u dwar l-impatt ekonomiku tax-xiri ta' oġġetti ffalsifikati jew l-aċċess għall-kontenut illegali.

It-taqsimiet ewlenin tar-rapport jinkludu:

Kontribuzzjoni ekonomika u l-valur tad-DPI

Din it-taqsimin tinkludi sommarju tal-istudju li twettaq fl-2016 dwar il-Kontribuzzjoni tal-IP li wera li 42 % tal-PDG tal-UE u 28 % tal-impjeggi huma ġġenerati f'setturi li jagħmlu użu intensiv mid-DPI. Hemm ukoll sommarju tal-istudju li sar 2015 fil-livell tad-ditti li wera li l-kumpaniji li jipposjedu mill-inqas trademark, disinn jew privattiva waħda juru prestazzjoni ekonomika aħjar minn dawk li ma jipposjedu l-ebda DPI, bl-effett ikun partikolarment qawwi fuq l-SMEs. Fl-aħħar nett, hemm ukoll diskussjoni li tirrigwarda t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-SMEs għall-2016 li fl-istħarriġ tagħha inkorporat aktar minn 9,000 SME fl-UE biex teżamina l-użu tagħhom tad-DPI jew ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' użu tad-DPI.

Għaliex u kif jinkisru d-drittijiet tal-IP?

Din it-taqsimha teżamina n-naħa tal-provvista u tad-domanda tas-suq għall-oġġetti tal-ksur. Fuq in-naħa tal-provvista, huma diskussi l-metodi użati sabiex l-oġġetti ffalsifikati jaslu għand il-konsumatur, filwaqt li dawn huma bbażati fuq varjetà ta' sorsi u rapporti, bħar-rapport tal-2017 dwar is-sitwazzjoni konġunta bejn l-EUIPO u l-Europol. F'subtaqsimiet separati, huma eżaminati l-mudelli kummerċjali użati minn dawk li jwettqu ksur online, b'mod partikolari r-reklamar fuq siti web issuspettati bi ksur u l-użu ta' sistemi tal-isem tad-dominju sabiex jiġi ġġenerat it-traffiku għal ħwienet elettroniċi li jbigħu oġġetti ffalsifikati.

Is-subtaqsimha finali teżamina n-naħa tad-domanda: x'jimmotiva lill-konsumaturi biex jiksru d-DPI. Din hija bbażata fuq l-istudju dwar il-Perċezzjoni tal-IP li twettaq fl-2017 u t-Tabella ta' Valutazzjoni taż-Żgħażaġħ tal-2016, li juru li fost il-fatturi ċċitati miċ-ċittadini bħala raġunijiet għall-ksur hemm il-prezz aktar baxx ta' oġġetti ffalsifikati u l-prezz aktar baxx u l-perċezzjoni akbar tad-disponibbiltà ta' kontenut illeċitu online, meta mqabbla ma' offerti legali.

Konsegwenzi ekonomiċi tal-ksur tad-DPI

Din it-taqsimha teżamina l-impatt ekonomiku tal-ksur kemm fuq is-settur privat kif ukoll dak pubbliku tal-ekonomija. Din hija bbażata fuq l-istudji konġunti tal-EUIPO u l-OECD dwar il-kummerċ ta' oġġetti ffalsifikati u fuq l-istudji settorjali ppubblikati mill-2015 li jipprovdu stimi tal-ispejjeż ekonomiċi li jirriżultaw mill-preżenza ta' oġġetti ffalsifikati fl-UE. L-impatt kemm fuq il-bejgħ kif ukoll fuq l-impjeggi tas-settur privat, u l-impatt li jirriżulta fuq il-finanzi pubbliċi huma t-tnejn inklużi. Meta jitqiesu flimkien, dawn iż-żewġ settijiet ta' studji jipprovdu stampa komprensiva tal-kummerċ globali f'oġġetti ffalsifikati (b'enfasi partikolari fuq l-importazzjonijiet ta' oġġetti foloz fl-UE li jammontaw għal madwar 5 % tal-importazzjonijiet totali tal-UE), tas-setturi l-aktar affettwati, tal-provenjenza tal-oġġetti ffalsifikati, u tal-impatt li jirriżulta fuq l-ekonomija Ewropea.

F'subtaqsimha finali, huma eżaminati l-ispejjeż tal-ġlieda kontra l-ksur tad-DPI mis-settur privat, filwaqt li din hija bbażata fuq s'tħarriġ li sar fl-2017 li inkorpora kważi 1 300 kumpanija f'14-il Stat Membru. Dan l-istħarriġ wera li l-ispejjeż li jirriżultaw mill-indirizzar tal-ksur huma partikolarment onerużi għal kumpaniji iżgħar.

RAPPORT TA' SINTEŻI DWAR IL-
KSUR TAD-DPI 2018

SOMMARJU EŻEKUTTIV



Ġunju 2018